MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 181/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Francis Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant (ID 335258M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-16 t'Awissu, 2009 għall-ħabta ta' 18.15 hrs gewwa d-dar matrimonjali

1. ingurja w/jew hedded bi kliem lil martu Philippa Vella, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
2. ikkaguna lil martu Philippa Vella biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-qxxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1);

3. ikkaguna grieħi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ martu Philippa Vella hekk kif iccertifikat minn Dr. Mary Vella MD ta’ Mosta Health Centre.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ April, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 339(1)(e), 251(1)(B) u 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu tliet (3) xhur priġunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ordnat il-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 ghal sentejn favur Philippa Vella.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ April, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata minhabba ragunijiet legali u fattwali li jaghmlu tali sentenza nulla w invalida, ineffettiva w mhux enforzabbli.

Illi jekk din il-Qorti jidhrilha fl-evalwazzjoni taghha ta’ dak li rrizultalha a bazi ta’ dan l-appell odjern li m’hemmx lok ghat-tahsir tas-sentenza appellata talab biex tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tillibera lill-appellant minhabba r-ragunijiet li nghataw fosthom verzjonijiet konflingenti bejn il-konjugi Vella, wahda fuq in-naha tal-prosekuzzjoni u l-iehor fuq in-naha tad-difiza, w f’kull kaz li ma kien hemm ebda gustifikazzjoni la ghal terminu ta’ prigunerija, w allura fic-cirkostanzi ghall-ebda htiega ta’ sentenza sospiza fid-dawl ta’ artikolu 28A tal-Kapitolu 9, u wisq aktar lanqas kien hemm lok li jkun applikat l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ malta ghal sentejn favur l-appellata billi dana jkun serva biss biex iforni arma lill-appellata halli tuzaha quddiem il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-

Familja, fil-proceduri tal-Firda Legali pendenti halli dik il-Qorti tigi mitluba biex tordna lill-appellant a bazi ta’ artikolu 46 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta biex jallontana ruhu mid-dar konjugali.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ddistingwitx bejn it-tliet akkuzi fir-rigward ta’ l-appellant u cioe’ l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx jekk hija kinitx sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel, tat-tieni jew tat-tielet akkuza, jew ta’ xi wahda jew tnejn minnhom it-tlieta w dan in-nuqqas jaghmilha impossibbli ghall-appellant biex ikun jista’ jirregola ruhu fir-rigward tas-sottomissjonijiet fl-appell tieghu billi jidher ovvju li l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni u cioe’ l-appellata, mart l-appellant nnifisha, w l-uniku xhud tad-difiza w cioe’ l-appellant innifsu taw verzjonijiet differenti li bl-ebda mod ma tista’ tikkonkludi li huma kompatibbli, u ghalhekk skond il-principju fundamentali fil-Ligi Kriminali d-dubju kellu jmur favur l-appellant u ghaldaqstant dan huwa l-ewwel aggravju.

Illi l-Ewwel Qorti interpretat ic-certifikat tat-tabib Mary Vella permezz ta’ l-affidavit li din it-tabib issottomettiet permezz tal-prosekuzzjoni favur l-appellata u kontra l-appellant meta ma kien hemm ebda gustifikazzjoni li jkun hemm tali interpretazzjoni ghax ic-certifikat huwa vag bizzejjed u jorbot distintament mal-verzjoni ta’ l-appellant li thenna bil-gurament quddiem l-Ewwel Qorti u quindi fic-cirkostanzi l-appellant qatt ma kellu jinstab hati wisq inqas jintaghat tliet xhur prigunerija sospizi ghal sentejn fid-dawl ta’ artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara fis-sub-artikolu 4 ta’ l-istess artikolu 28A meta l-Qorti taghti sentenza sospiza hija ghandha tispjega lill-hati bi kliem

car ir-responsabbilita tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija u dina l-esigenza legali mehtiega l-Ewwel Qorti jirrizulta car li m'ghamlithiex u quindi s-sentenza appellata hija nulla w invalida, ineffettiva w mhux enforzabbli u dana skond l-istess kriterji dettati mill-Ligi permezz tas-sub artikolu 4, artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-applikazzjoni ta' l-Ewwel Qorti ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn favur l-appellata Philippa Vella w dana meta kemm a bazi ta' l-aggravji li ghadhom kif gew sottomessi kif ukoll fil-parametri tal-fatti li ngiebu quddiem il-qorti fejn jerga jigi ripetut il-prosekuzzjoni kellha essenzjalment xhud wiehed li ddeponiet u d-difiza kellha xhud iehor li ddepona (ossia ddeponew il-konjugi Vella li qeghdin fi proceduri ta' firda legali quddiem il-Qorti kompetenti) ma kienx gust li ssir l-applikazzjoni ta' dana l-artikolu meta bl-ebda mod ma kien gustifikat imma jista' jservi biss bhala arma f'idejn l-appellata Philippa Vella biex titlob lil Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, ħalli a bazi ta' artikolu 46 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appellant jigi ordnat jallontana ruhu mid-dar konjugali u ghalhekk fic-cirkostanzi l-appellant jidhirlu li strettament minghajr pregudizzju l-Ewwel Qorti kienet ħarxa wisq meta mponiet favur martu w allura kontra tieghu l-effetti rigorużi ta' artikolu 412C tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat

Li l-ewwelnett il-Qorti għandha talbiet ta' nullita' da parti kemm tal-appellant kif ukoll da parti tal-Avukat Ġenerali.

L-Avukat Ġenerali jissottometti li l-appell huwa null minħabba li m'hemmx **tnejn** mir-rekwiżiti li jitlob l-artikolu 419 tal-Kap 9 li jirrikjedi, u jekk ma jsirx hekk l-appell ikun null:

(a) il-fatti fil-qosor;
(b) omissis

(ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.

**Il-fatti fil-qosor**

Dwar kif għandhom ikun u redatti l-fatti, kien hemm diversi deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali li taw indikazzjoni kif dawn għandhom isiru. Biżżejjed wieħed jireferi għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-każ ‘Il-Pulizija versus Robert Caligari Conti’ tal-10 ta’ Diċembru 1996:

*‘Bil-fatti fil-qosor wieħed jifhem il-fatti saljenti tal-każ, esposti b’mod ċar iżda konċiż, b’tali mod li kemm l-intimat kif ukoll il-Qorti jkunu jistgħu mill-ewwel jaqbdu x’inhuma l-fatti kif allegati mill-istess appellant. Ma jkunx sodisfatt il-vot tal-Liġi jekk ikunu magħġuna mal-aggravji. Bħalma l-indikazzjoni tal-aggravji ma tistax issir b’sempliċi referenza għall-fatti, hekk ukoll il-fatti jridu jkunu esposti indipendentement mill-aggravji liema aggravji jistgħu ikun kemm fuq punti ta’ fatt kif ukoll fuq il-punti ta’ dritt sostantiv jew proċedurali.’*

M’hemmx għalfejn wieħed jelabora wisq fuq il-ħtieġa li jkun hemm dawn il-fatti fir-rikors. Il-fatti fil-qosor jgħinu sabiex il-ġudikant ikun jista’ mill-ewwel jinduna x’inhuwa l-qofol tal-każ li jkollu quddiemu.

**Tfittxija għall-fatti**

Din il-Qorti ser teżamina jekk l-appellant għamilx il-fatti fil-qosor jew le. Ir-rikors tal-appell jinsab f’paġni 23 sa 27.

A fol 23 u 24 l-appellant jgħid li qiegħed fi proċeduri ta’ separazzjoni. Imbagħad jgħid x’kienu l-imputazzjonijiet u x’kienet is-sentenza.

Wara jirreferi għal dak li jipprovdi l-artikolu 28A tal-Kap 9. Skont l-appellant, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset li tispjega l-portata tas-sentenza ai termini tal-artikolu 28H.

Fil-paragrafu 6 jgħid min xehed waqt li fil-paragrafu 7 jgħid li ma jeżisti ebda artikolu 251(1)(b) iżda hemm artikolu 251B.

Fil-paragrafu 8 jissottometti li t-tabib Dr Mary Vella ma xehditx personalment.

Fil-paragrafu 9 jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha, f'każ ta' dubju, dan imur favur l-akkużat, ikkonkludiet bla ma speċikat l-ebda waħda mit-tliet akkużi.

Fil-paragrafu 10 huwa ssottometta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tapplika l-artikolu 412C.

Fit-tieni parti (Raġunijiet ta' Appell), fis-subparagrafu (i), huwa jirrepeti dak li qal fil-paragrafu 9. Fis-subparagrafu (ii) huwa jirrepeti dak li qal fis-subparagrafu (i). Fis-subparagrafu (iii) jirrepeti dak li kien qal fil-paragrafu 8 a fol 25 dwar iċ-ċertifikat tat-Tabib Mary Vella. Fis-subparagrafu (iv) jirrepeti dak li kien diġa' qal fil-paragrafu 4 (fol 24) dwar in-nuqqas ta' spjegazzjoni tal-effett tal-artikolu 28A tal-Kap 9. Fis-subparagrafu (v) huwa jirrepeti dak li kien diġa' qal qabel fil-paragrafu 10, jiġifieri li l-Qorti ma kellhiex għalfejn tapplika l-artikolu 412C.

L-aħħar tliet paragrafi huma t-talbiet.

Il-Qorti ppruvat toħroġ il-fatti fil-qosor mill-paġni tal-appell kollu. Waqt li sabet ħafna argumentar dwar l-aggravji, imkien ma rnexxielha ssib x'kienu l-fatti fil-qosor li kienu l-mertu ta' dan il-każ. Ippruvat tara humiex imxerrdin 'l hawn u 'l hemm jew setgħetx tagħmel prospett tagħhom billi tibnihom fuq xi dettalji tal-fatti li kienu taħt l-eżami tal-Ewwel Onorabbli Qorti imqar jekk fil-minimu possibbli.

Lanqas is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet 'Norman Lowell versus Direttur Ġenerali tal-Qorti et' fit-28 ta' Frar 2011 ma tista' tgħin lill-appellant. F'dik is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali sabet il-fatti mxerrdin jew fis-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew fir-rikors promotorju. Hawnhekk, il-Qorti kellha biss sentenza qasira ħafna, ix-

xhieda ma kinux reġistrati u mir-rikors, kif diġa' ntqal u ntwera paragrafu, paragrafu, **il-Qorti ma setgħetx tkun taf x'inhuma l-fatti – obbligu ċar li joħroġ mill-artikolu 419.**

**Għalhekk la fir-rikors promotorju mkien ma hemmx il-fatti fil-qosor isegwi li l-appell huwa null.**

**It-Talbiet**

L-Avukat Ġenerali ssottometta li t-talba fit-tmiem tar-rikors ma saritx kif titlob lil-Liġi. Għal darb'oħra hemm ħafna ġurisprudenza fuq dan il-punt fosthom 'Il-Pulizija versus Ivan Fenech' deċiża fit-3 ta' Lulju 2008 fejn il-Qorti sostniet hekk:

'Illi din il-Qorti kellha diversi okkażjonijiet fejn enfasizzat li t-talba ottenuta fir-rikors tal-appell, fejn si tratta ta' tibdil jew riforma tas-sentenza appellata, trid tindika **x'għandu jiġi konfermat u x'għandu jiġi revokat.**

Fil-paragrafu 14, l-appellant talab **it-tħassir** tas-sentenza waqt li fil-paragrafu 15 huwa talab **ir-riforma** tas-sentenza. **Fejn talab ir-riforma huwa talab il-liberazzjoni bla ma indika x'għandu jiġi kkonfermat u x'għandu jiġi revokat.**

Fil-fehma ta' din il-Qorti lanqas id-deċiżjoni fil-kawża kostituzzjonali 'Richard sive Rachela Spiteri u Natal Bonello v Avukat Ġenerali' tad-9 ta' Marzu 2010 ( li kienet limitata għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' dak il-każ) ma ssalva s-sitwazzjoni għall-appellant. **Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' wkoll din it-tieni sottomissjoni tal-Avukat Ġenerali dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell.**

**Il-Qorti tista' tieqaf hawn għaliex inutli għall-appellant li jallega nullitajiet [1]fis-sentenza jekk ir-rikors promotorju huwa minnu nnifsu null fil-forma u**

[1] Dwar in-nullita' tat-twissija taħt l-artikolu 28A, f'dan il-każ it-twissija toħroġ mis-sentenza dattilografata. Ara wkoll is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Francis Vella' għar-raġunijiet mogħtija hemm hekk li jgħoddu wkoll f'dan il-kuntest.

**għalhekk ma jistax jimxi ‘l quddiem**. Jekk ir-rikors promotorju huwa null, isegwi li s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti għaddiet in ġudikat kienu x’kienu s-sottomisjonijiet tal-appellant fir-rikors tal-appell.

Biss il-Qorti xorta eżaminat **il-mertu**. Skont ix-xhieda ta’ Filippa Vella fis-16 t’Awwissu 2009 l-appellant, barra milli kien kellimha ħażin, kien waddbilha mejda u bott tal-ħalib. Huwa kien laqatha fil-koxxa u telgħetilha tbenġila. Sieqha ntefħet. Hija kieent marret l-għassa u ħadet ritratt tat-tbenġila.

Fil-kontro-eżami kien stabbilit li l-mejda kienet folding table. Hija kienet marret il-polyclinic tal-Mosta u kellha ċertifikat. (Skont il-verbal dan iċ-ċertifikat suppost li kien qiegħed fl-atti iżda filfatt ma nstabx.)

Barra dawn ix-xhieda, fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, kienu ippreżentati kemm affidavaits(fol 17) ta’ PC 1511 K Tabone li fih kienet irraportat lill-appellant li kienet ġiet mhedda, insulentata u msawta minn żewġha. L-appellant kien ċaħad kollox.

Kien ippreżentat ukoll affidavit ta’ Dr Mary Vella nee Zarb (Reg No 1333) li kienet eżaminat lil mart l-appellant fis-17 ta’ Awwissu 2009 u sabet li kienet qed tbati minn tbenġila fuq wara tal-koxxa tal-lemin; u tbenġila u girfa taħt il-ġewnaħ tal-lemin.

L-appellant xehed li hu kien sejjer jaħdem ix-xift ta’ bil-lejl. Huwa qal li biex waddbilha l-mejda huwa kien hawn (naħa tal-Awla) u hi kienet hemm (naħa oħra tal-Awla). Huwa qal li l-kċina kienet kbira mhux ħażin. Biex tolqot bniedem f’dik id-distanza altru li jrid ikollok saħħa ta’ barra minn hawn. Il-mejda kienet waħda tal-picnics. Imbagħad qal li hu la kien waddab il-mejda u lanqas il-bott tal-ħalib. Huwa baqa’ jinsisti li ċert li huwa ma kien waddab xejn. Wara li nqarlu l-affidavit huwa ftakar li meta kellmuh l-għassa huwa kien ċaħad kollox u li kien imwissi li ser jieħdu passi kontrih (fol 43).

Fil-kontro-eżami l-appellant insista li l-argument kien verbali. Huwa qal ukoll li waqt argument kulħadd jgħajjat, ċaħad li kien waddab xi mejda jew xi bott. Huma ma jużawx ħalib tal-bott. Iżda hu kien jaf li martu kellha ġrieħi fil-koxxa. Huwa ċaħad ukoll li martu kienet qed tibża' minnu. Huwa allega wkoll li martu għamlet rapport falz. Imbagħad kompla hekk:

'Dakinhar jekk weġġatx waqt l-argument jew wara l-arguemnt wara li dħalt għax-xogħol dik imbagħad storja oħra.'

Meta kien mistoqsi jekk kienx għolla leħnu, huwa qal 'Mhux ovvja' Huwa ċaħad ukoll li martu kienet qed tibża' minnu (fol 46).

Fir-ri-eżami l-appellant qal li r-rabja ta' martu kienet arroganti.

Il-Qorti rat lill-appellant u lil martu jixhdu quddiemha. Il-Qorti ma ssibx li l-verżjoni tal-appellant hija attendibbli stante li l-ewwel jgħid kemm hija kbira l-kamra fejn sar l-allegat twaddib u jispjega li jrid ikollok altru saħħa biex tweġġa' lil xi ħadd u imbagħad jinnega li hu waddab il-mejda jew il-bott. Jew twaddab u hemm wisq bogħod jew ma twaddabx. L-appellant kien qed jikkontradixxi lilu nnifsu. Għalhekk il-Qorti ma'għandha ebda dubju li filfatt l-appellant veru waddab il-bott u l-mejda lil martu u veru li weġġagħha.

Il-fatt li hemm żewġ verżjonijiet differenti ma jfissirx li l-Qorti għandha dubju raġonevoli dwar il-prova. Fil-każ ta' kontradizzjoni bejn verżjoni u oħra, il-Qorti għandha teżamina jekk hemmx xi verżjoni li hija qrib il-verita' u mhux tillibera għax hemm żewġ verżjonijiet differenti.

Dwar l-offiżi ħfief mġarrbin mill-allegata vittma, l-affidavit tat-tabiba huwa biżżejjed bħala prova tal-ġrieħi li ġarrbet mart l-appellant. Iċ-ċertifikat mhux sine qua non. Huwa dritt tad-difiża li, jekk tħoss il- bżonn, titlob li t-tabiba tixhed 'viva voce'. Jekk ma tħossx dak il-bżonn, l-affidavit xorta jibqa' ammissibbli bħala prova.

Għalhekk hemm provi biżżejjed dwar l-imputazzjonijiet li kienu dedotti kontra l-appellant.

**Konlużjoni**

Għar-raġunijiet mogħtija aktar 'il fuq, il-Qorti qed tiddeċiedi li r-rikors tal-appell huwa null ai termini tal-artikolu 419 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------